# SALVE REGINA - Sliema għalik, Sultana

Din it-talba hi waħda mill-4 antifoni Marjani li jintużaw u jitkantaw fid-diversi staġuni tal-kalendarju liturġiku nisrani tal-knejjes tal-punent. Hija wżata l-aktar fil-Knisja Kattolika, u filwaqt li tintuża l-aktar bħala għeluq għat-talba tar-Rużarju u tal-Kumpieta – it-Talba li timmarka it-tmiem tal-jum – hija ferm marbuta mal-festi ta' Marija mtellgħa s-Sema u l-Immakulata Kunċizzjoni.

L-oriġini tagħha ġie attribwit lil diversi persuni:
- Petrus ta' Monsoro (li miet madwar l-1000 A.D.), Isqof ta' Compostella,
- San Anselmu ta' Lucca (li miet fl-1080 A.D.),
- San Bernard ta' Clairvaux,
- Adhemar, Isqof ta' Podium (Puy-en-Velay).

Hemm 2 leġġendi marbutin ma' San Bernard:
Meta kien qed jagħmilha ta' legat appostoliku fil-Ġermanja, lejliet il-Milied tal-1146 hu daħal fil-katidral waqt il-kant proċessjonali ta' dan l-innu u waqt il-kliem: *"O clemens, O pia, O dulcis Virgo Maria"* (*"o ħanina, o pija, o ħelwa Verġni Marija"*) niżel għarkubbtejh 3 darbiet. Skont leġġenda aktar popolari, jingħad li l-qaddis żied dawn il-kelmiet għall-ewwel darba fuq ispirazzjoni mumentarja.

Biss illum il-ġurnata qed jiġi rikonoxxut Hermann Contractus (1013-1054) bħala l-awtur tagħha.

Mill-lat mużikali, insibu li l-mużika tagħha hija verament antika, x'aktarx tmur lura għas-seklu XI, u hija eżempju tipiku tal-kant Gregorjan tal-Medjuevu. Aktarx li ġiet miġbura mill-patri Ġermaniż, Hermann ta' Reichenau.

Biss il-forma kif inhi magħrufa llum jidher li ġiet stabbilita fl-Abbazija ta' Cluny fis-seklu XII, x'aktarx permezz ta' Pietru l-Venerabbli, li madwar l-1135 ordna li din it-talba għandha titkanta proċessjonalment f'ċertu festi partikulari.

***Salve Regina, Mater misericordiae,***
***vita, dulcedo, et spes nostra, salve.***
***Ad te clamamus, exsules filii Evae,***
***ad te suspiramus, gementes et flentes***
***in hac lacrimarum valle.***
***Eia, ergo, advocata nostra,***
***illos tuos misericordes oculos ad nos converte;***
***et Iesum, benedictum fructum ventris tui,***
***nobis post hoc exsilium ostende.***
***O clemens, O pia, O dulcis Virgo Maria.***

***Ora pro nobis sancta Dei Genetrix.***
***Ut digni efficiamur***
***promissionibus Christi.***





PARROĊĊA TA' ĦAL SAFI

# KONVERŻJONI TA' SAN PAWL

Tel: 21 649 223



*Messaġġ tal-Kappillan*

## OTTUBRU: GĦADU X-XAHAR SPEĊJALI TAT-TALBA TAR-RUŻARJU?



Ottubru, tradizzjonalment fil-ħajja tal-Knisja, huwa x-xahar iddedikat lir-Rużarju u f'ħafna mill-knejjes, inkluż dik tal-parroċċa tagħna, din it-talba tingħad quddiem Ġesù sagramentat.

**Ir-Rużarju: għadu magħruf jew qed jintesa?**
Sa ftit snin ilu, ir-Rużarju kien jingħad b'ġabra fil-familja u kien ikun mument fejn il-membri jinġabru u jitolbu flimkien. Illum, ir-Rużarju donnu sar it-talba ta' xi ftit anzjani li żammew it-tradizzjoni ta' tfulithom. Iż-żgħażagħ aktarx jidħku x'ħin issemmihulhom u t-tfal, li sikwit jaqilgħu xi kuruna fil-preċett, lanqas ikollhom idea ta' x'inhi eżatt dik il-'ġiżirana' bis-salib, għax hekk isejħulha. Ħafna jikkritikaw ir-Rużarju għax huwa talba repetittiva imma din is-sitwazzjoni jaf tinbidel jekk inħarsu lejh bħala espressjoni ta' dik l-imħabba li ma ngħejjew qatt nagħtuha lura lill-persuna maħbuba bi kliem imqanqal, li għalkemm dejjem l-istess, imma dejjem ġdid bis-sentiment li jkun hemm fih.

**Ir-Rużarju: Ritmu ta' meditazzjoni ma' Ommna Marija**
F'diversi dehriet, il-Madonna dehret bil-kuruna tar-Rużarju f'idejha u talbet biex kulmin jemmen ikompli jitlob ir-Rużarju. Permezz ta' din it-talba, hija twassalna għand binha Ġesù u tippreżentalu l-bżonnijiet tagħna. Ir-repetizzjoni ta' 50 Sliema u Qaddisa idaħħluna f'ritmu ta' meditazzjoni filwaqt li naħsbu fuq diversi ġrajjiet jew 'misteri' mill-ħajja ta' Ġesù. Meta nsejħu lil Marija, aħna nkunu qed nikkontemplaw ukoll il-wiċċ ta' binha għax kien f'ġufha li hu ħa l-ħajja, kien mingħandha li ħa x-xebħ bħala bniedem. Żgur li ħadd ma kkontempla l-wiċċ ta' Kristu daqskemm u bħalma kkontemplatu hi, hi li tefgħet ħarsitha fuqu mill-mument li qalet l-'iva' tagħha lill-anġlu u hu tnissel fiha bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu. Fix-xhur ta' wara, hija ħasset il-preżenza tiegħu tikber fija u kienet taħseb fih sa' ma' fl-aħħar welldittu f'Betlehem, fejn tefgħet fuqu l-ħarsa kollha ħlewwa tagħha waqt li *'fisqietu u medditu f'maxtura'* (Lq2, 7).

## Ir-Rużarju: Bosta qaddisin sabu fih it-triq għall-Qdusija

Mhux ftit kienu l-Qaddisin li ħaddnu u rrakomandaw it-talba tar-Rużarju:

San Alwiġi Maria Grignion de Montfort għandu ktieb prezzjuż ħafna fuq ir-Rużarju u kien jipprietka fuq Marija kulfejn kien imur. Huwa kien iħobb jgħid li r-Rużarju hija l-iktar arma qawwija biex inqanqlu qalb Ġesù, is-Salvatur tagħna, li jħobb lil Ommu.

Qaddis ieħor eqreb lejn żmienna li kellu devozzjoni kbira lejn ir-rużarju hu San Piju ta' Pietrelcina. San Piju jsejjaħ ir-rużarju arma kontra xitan. Darba qal: *"Uħud tant huma boloh li jaħsbu li jistgħu jgħixu mingħajr l-għajnuna tal-Verġni Marija. Ħobbu lill-Madonna u itolbu r-Rużarju għax ir-Rużarju huwa arma kontra l-ħażen tad-dinja ta' llum. Il-grazzji kollha mogħtija minn Alla jgħaddu mingħand Marija."*

Swor Luċija ta' Fatima kienet tgħid li r-Rużarju huwa talba li kulħadd jista' jgħid u li jgħinna nipperseveraw fil-fidi, fit-tama u fl-imħabba.

Appostlu kbir ieħor tar-rużarju kien il-Beatu Bartolo Longo. Wara esperjenza fis-sataniżmu, huwa reġa' kkonverta għall-fidi Kattolika fejn sar terzjarju Dumnikan. Il-mixja tiegħu tal-qdusija kienet imseddqa minn kliem li darba qallu patri Dumnikan u li ħass li kien ta' ispirazzjoni għal ħajtu: *"Min ixerred l-imħabba lejn ir-Rużarju, isalva."* Kien għalhekk li ħassu msejjaħ biex jibni tempju ddedikat lil Verġni tar-Rużarju f'Pompei, fuq il-fdalijiet tal-Belt Antika, li nqerdet fis-sena 79 meta żbroffa l-Vessuvju.

## Ir-Rużarju: Talba li kulħadd jista' jitlobha b''katina ħelwa' li torbotna ma' Alla.

Jekk forsi r-Rużarju narawh talba twila, nistgħu naqsmuh matul il-ġurnata. M'hemmx bżonn ta' xi post partikolari biex nitolbu, allura faċli ngħidu posta meta nkunu nistennew xi servizz bħal tal-linja jew il-bank jew aħna u sejrin x'imkien bil-mixi. Anke jekk ma nkunux nistgħu nagħtu l-attenzjoni kollha tagħna lit-talba li nkunu qed ngħidu, ir-rużarju xorta jibqa' ta' valur għax il-kliem tiegħu huwa bibbliku u qaddis.

Barraminhekk, il-kuruna li nużaw fir-rużarju tfakkarna fil-mixja bla waqfien tal-kontemplazzjoni u tal-perfezzjoni nisranija. Il-Beatu Bartolo Longo kien iħares lejha bħala 'katina' li torbotna ma' Alla. Tassew li katina xxekkel imma l-kuruna u allura, ir-rużarju, huwa katina ħelwa, bħalma dejjem hi ħelwa r-rabta ma' Alla li hu Missier. Ir-Rużarju jpoġġina f'għaqda ma' Marija, *"il-qaddejja tal-Mulej"* (Lq 1, 38), u ma' Kristu stess, li għad li kien Alla, għamel lilu nnifsu "qaddej" għall-imħabba tagħna (Fil. 2, 7). Hija ħaġa sabiħa wkoll li fit-tifsira simbolika tal-kuruna naraw ir-rabta ta' bejnietna u niftakru fir-rabta ta' għaqda u ta' mħabba li tgħaqqadna lkoll bħal aħwa fi Kristu.

Ejjew nippruvaw, matul ix-xahar ta' Ottubru, nitolbu din it-talba tant għażiża u qawwija li wennset bosta Insara matul iż-żmien u li żgur li tgħin lilna lkoll inpoġġu t-toqol tal-ħajja tagħna fil-qalb ħanina ta' Kristu u f'dik ta' Ommu Marija.




**Sultana tar-Rużarju Mqaddes, itlob għalina.**



# ID-DJARJU TAL-PARROĊĊA
# Ħal Safi - Ottubru 2021

Il-Ġimgħa 1 ta' Ottubru — **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**
Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom
Fis-5:45pm - Qrar
Fis-6:30pm - Quddiesa
Fis-7:00pm - Adorazzjoni

Il-Ħadd 3 ta' Ottubru — **Festa tal-Madonna tar-Rużarju**
Fil-5:30pm - Quddiesa bil-priedka fuq il-Madonna
Fis-6:30pm - Rużarju li jagħlaq b'ċelebrazzjoni Ewkaristika.

It-Tnejn 4 ta' Ottubru — **Jum l-Ambjent**
***- Festa ta' San Franġisk ta' Assisi***
Fis-7:15pm - Laqgħa għall-Ġenituri u l-Parrini ta' dawk li ser jirċievu l-Griżma tal-Isqof, fil-Knisja Parrokkjali.

Il-Ħadd 10 ta' Ottubru — **Jum l-Anniversarju tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja Parrokkjali: *237 sena***
***(nhar l-10/10/1784 mill-Isqof V. Labini)***
Fid-9:00am - Quddiesa li fiha jiġu nċensati s-slaleb tal-konsagrazzjoni.
Fl-10:30am - Quddiesa bil-Magħmudija

Il-Ġimgħa 15 ta' Ottubru — Fis-7:15pm - Laqgħa tal-Kappillan mal-Ġenituri ta' dawk li ser jirċievu l-Griżma tal-Isqof, fil-Knisja Parrokkjali.

*Mit-Tnejn 18 sal-Ġimgħa 22 ta' Ottubru* — *Ġimgħa speċjali ta' Preparazzjoni għall-Griżma tal-Isqof*

Il-Ħadd 24 ta' Ottubru — **Jum il-Missjoni u Jum il-Griżma tal-Isqof**
Fl-10:30am - Quddiesa bis-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof.



***Twieldu mill-ġdid bil-Magħmudija***
Joseph Abdilla
Charlotte Camilleri

---- o ----



***Daħlu fil-Ħajja ta' Dejjem***
Romina Azzopardi
Mary Anne Zahra
Anthony Sultana

***Nitolbu għalihom!***

